**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Demicoli**

Seduta Distrett Mosta

**Illum 10 ta’ Novembru 2023**;

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar il-25 ta’ Marzu 2022 talli:

Lil Joseph Demicoli ta’ 50 sena, iben Carmel Demicoli u Lorenza xebba Agius, imwieled Pieta’ nhar is- 27 ta’ Awwissu 1971, resident 38, ‚Winchester Court’ Flat 2, Triq l-Istamnar San Pawl il-Bahar ID: 413971M

Akkuzat talli nhar il-15 ta’ Lulju 2021 gewwa il-Mosta:

Minghajr il-hsieb li tisraq jew li tagheml hsara kontra il-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghlt bl-awtorita' tieghek innifsek, lil Ritianne Demicoli thallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkilt lil Ritianne Demicoli fil-pussess ta' hwejjighom b' xi mod iehor kontra il-ligi jew indhalt fi hwejjeg haddiehor. (hadt bla permess il-mutur vintage li jgib in-numru P7665 meta kont taf li ma kienx tieghek u qed tirrifjuta li tghaddih lil Ritianne Demicoli. Art. 85(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba biex, f' kaz ta htija, u jekk l-ghemil tal-hati jirrizulta filli l-persuna l-ohra tbati spoll, il-Qorti ghandha tapplika d-disposizzjijiet ta' dak is-sibartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll. Art. 85(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u d-dokumenti kollha prodotti.

Semghet u qeset it-trattazzjoni tal-partijiet[1].

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

[1] Fol. 45 u 46 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Dan il kaz jirrigwarda allegazzjoni minn Ritienne Demicoli kontra huha l-imputat Joseph Demicoli talli dan allegatament ha mutur bin-numru ta’ registrazzjoni P7665 minghand jew li jappartjeni lil Loreta Demicoli. Din tal-ahhar tidher li hija omm il-kontendenti. Dan il-mutur fil-mument tar-rapport kien jinsab go garaxx li jappartjeni lill-imputat.

**Il-Provi**

Xehdet **Ritianne Demicoli** fejn ikkonfermat li hija tigi oht l-imputat odjern.[2] Tishaq li missierha kien gab il-mutur de quo fil-garaxx u hallieh hemm ghal diversi snin tant li kienu jghidulu ghalfejn ma jsuqux. Tkomplu tghid li missierha miet fl-2010 u li fl-2021 kienu ser ibieghu id-dar u l-ahwa kienu battlu id-dar. L-imputat kien qabad dan il-mutur u kaxxkru fil-garaxx tieghu. Hija ghamlet xi ricerki u sabet lil sidu u hija qablet mieghu li jigi trasferit ghal fuqha peres li hija delettanta. Sidu riedu jigri barra u mhux jithalla fil-garaxx. Hija infurmat b’ dan lill-imputat pero’ huwa oggezzjoni li jghaddih lilha. Hija pprezentat kopja tal-log book u tghid li ic-cwievet tajhomla il-papa’ taghha li miet 2010. Mistoqsija jekk kienx ta’ missierha tghid li missierha kien jghid li dak periklu u biex ihallih fejn kien.

[2] Fol. 10 tal-process.

Tghid li kienet hija li fittxet is-sid originali u huha ma kienx jaf min hu. Tikkjarifika li missierha kien issepara minn ma' ommha pero' wara regghu inaqdu. Ma taqbilx li kien ghamlu fuq terzi waqt il-proceduri ta' separazzjoni, tippreeciza li lill-terzi kien bejghulu. Hija ma taqbilx li hutha taw permess lill-imputat biex izommu. Tghid li dan il-mutur ittiehed minn huha bil-mohbi ta' hutu l-ohra, minn wara darhom. Hi tippreciza li ***'Ghax hadt ma kien prezenti meta ha l-mutur. Qatt hadt ma kien prezenti'.***[3] Tispjega olte li hija qatt ma inghatat l-opporunita' li tara u tiehu ir-ritratti tal-mutur. Tghid li qalbet il-mutur ***qabel ma marret l-ghassa***.[4] Tghid li l-ewwel qalbet il-mutur, irrangajt mas-sid imbaghad tlabtu l-hija, tikkonferma ukoll li Emanuel DEmicoli huwa il-kugin ta' missierha. ***Tghid li ma sarx trasfer ghal fuqha pero' hemm biss applikazzjoni ma' Transport Malta.***[5] Tikkonferma li l-appliokazzjoni ghat-trasferiment saret f' Marzu 2022. Ticcara li missierha bieghu lil kugin tieghu, Emanuel Demicoli, u peres li dan ma kellux fejn izommu zammulu missierha fil-garaxx. Dan il-mutur kien go garaxx fejn kienu joqghodu huima bhala familja Demicoli. Tghid li il-garaxx ma kien esklussiv ta' missierha biss imma tal-familja kollha.

L-imputat **Josef Demicoli** xehed ukoll fis-16 ta' Dicembru 2022[6]. Ix-xhud jispjega li dan il-mutur kien ta' missieru u dejjem kien jigri bih. Jghid li waqt is-separazzjoni missieru kien dawwar dan il-mutur fuq kuginuh Emanuel Demicoli biex ommu ma taghmillux xi sekwestri fuqu. Jghid li dan il-mutur qieghed fil-garaxx tieghu. Jghid li ommu ghdha hajja sal-lum. Jikkonferma li missieru miet xi ghaxa snin ilu. Jghid li meta isseparaw ommu u missieru ma kienx jaf fejn hadu il-mutur pero' meta irrangaw dan gabu il-graxx li prezentement hu tieghu.

[3] Fol. 13A tal-process.
[4] Fol. 14 tal-process.
[5] Fol. 14A tal-process.
[6] Fol. 30 tal-process.

Jghid li ommu u missieru ilhom li irrangaw 22 sena. Jghid li ohtu il-kwerelanti kienet zammet il-karti kollha f' iodejha peres li kienet tghidilhom li jitilfu kollox. Jiccara li il-mutur spicca ghandu ghax hadd mill-ahwa ma ghandu garaxx u allura zammu hu. Jghid li huti qalbu mieghu li jitfghu il-garaxx. Jghid li missieru qatt ma ghadda xi dokumentazzjoni li dan il-mutur hu ta' xi hadd partikolari mill-ahwa. ***Jikkonferma li il-mutur qabel il-15 ta' Lulju 2021 diga' kien qieghed ghandu.***[7]

Huwa ma jafx il-ghala ma kienx sar it-trasferiment lura meta missieru u ommu regghu irrangaw. Jikkonferma li hu biss ghandu garaxx. [8] Jghid li ohtu ghandha gharus u ghandha it-tfal minnu u jishaq li hija ma taghtijhomx karti.

Xehdet **Michelle Demicoli** oht l-imputat u l-kwerelanta waqt l-istess seduta tas-16 ta' Dicembru 2022.[9] Tikkonferma li dan il-mutur kwazi trabba maghhhom. Tikkonferma li missierha kien qalbu fuq habin tieghu li skond hija jismu Michael u li kien baqa' fuqu pero' skond ix-xudud kien dejjem ghandhom. Kien il-garaxx il-Mosta. Tispjega li mar ghand l-imputat ghax xi sena u nofs ilu bieghu id-dar u il-mutur mar fil-garaxx ta' huha. ***Tispjega li hija tatu il-kunsens biex jiehdu u jzommu fil-garaxx tieghu.***[10] Tispjega li wahda biss ma kienitx taqbel il-bqija kulhadd qabel, ossija il-kwerelanta Ritianne Demicoli. Ix-xuhud tghiod li il-kwerlenata hakmet lill-ommha u il-familja u taghmel li trid fost it-tmin t' ahwa. ***Hija tghid li fil- 15 ta' Lulju 2021 il-mutur kien diga' ghand huha ghax f' Awwwissu inbieghet il-propjeta'***[11]**.**

[7] Fol. 33 A tal-process.

[8]

[9] Fol. 36 tal-process.

[10] Fol. 37 u 37 A tal-process.

[11] Fol. 38A tal-process.

Kontro-ezaminata taqbel li omma u missierha ma baqghux mifrudin u li ohtha il-kwerelanta qed taqbez lill-ommha li hija marida. Tghjid li hija ma tafx ghalfejn ma ghamilx it-transfer tal-mutur qabel miet. Hija tafx li jesisti logbook pero' ma tafx fuq min qieghed il-mutur. Il-logboob pero' qatt ma ratu. Tishaq li l-imputat biss minn hutha ghandu garaxx u il-kwerelanta ma ghandux garaxx. Tghid li jekk ghandu il-partner taghha garaxx huma ma ghandhomx x' jaqsmu mieghu.

Xehdet **Lourdes Demicoli** fis-16 ta' Dicembru 2022 u tikkonferma li il-mutur kien ta' missierha u tghid li ohtha, Ritianne Demicoli, gaghlithom ibieghu id-dar. Skond ix-xhud id-dar inbieghet sena u nofs qabel id-data tal-akkuza. Tikkonferma li hadd mill-ahwa kellu garaxx u biex missieru jahbi il-mutur waqt is-separazzjoni tafghu fuq siehbu. Missierha skond ix-xhud anki wara li rega' inghaqad ma' ommhom hallieh fuq siehbu. Skond hija il-mutur missieru tefghu fuq habib tieghu u habib tieghu tefghu fuq xi hadd iehor qabel ma miet. Hija tghid li il-logbook tal-mutur ratu xi 3 jew 4 xhud qabel. Tikkonferma li ohtha ma ghandix garaxx u l-imputat biss ghandu. Tghid li il-partner ta' ohtha il-kwerelanta ghandu garaxx u hija ghandha tlett itfal.

**Ikkunsidrat:**

Din il-vertenza tirrigwarda mutur antika tal-marka Kawasaki bin-numru tar-registrazzjoni P-7665 li skond Dok RD 1A jghajjat lil certu Emanuel Demicoli detentur tal-karta tal-identita' numru 241650M. Dan il-mutur qed jigi kontiz principarjament bejn zewg ahwa, ossija l-imputat odjern u ohtu Ritianne Demicoli. Din tal-ahhar tirraporta att

spoljattiv li skond l-akkuza sar fil-15 ta' Lulju 2021 gewwa l-Mosta. Minn-naha l-ohra l-imputat jghid li hu qatt ma ghamel dan l-att spoljattiv u jekk kien hemm xi att bhal dan, l-att sar mhux fid-data indikata fic-citazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti jidhrilha li qabel tinoltra fuq l-aspetti tar-rekwiziti legali tar-ragion fattasi ai termini tal-artikolu 85(1) tal-Kap 9 ghandha taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet li jemergu mill-provi:

1. Ir-rapport sar minn Ritianne Demicoli fl**-10 ta' Marzu 2022**, kwazi tmin xhur wara li sar l-allegat reat ta' ragion fattasi, li qed jigi allegat li sar **fil-15 ta' Lulju 2021 fil-Mosta**;

F'dan ir-rapport il-kuntistabbli 943 J. Scerri inizzel hekk:

'*Pfr was advised to seek legal advice since said motorcycle is still registered on a third party which was not present at the police station and her brother took the motorcycle* <u>*about eight months*</u> *ago and she knew about it and did nothing.'* [12]

2. Il-kwerela ta' Dr. Carmel Gatt, li ma jidhirx li giet ikkonfermata bil-gurament mill-kwerelanta Ritianne Demicoli hemm is-segwenti bhala footnote numru 1.

[12] Fol. 4 tal-process. Sottolinejar tal-Qorti. L-affidavit ta' PC 943 J. Scerri hemm indikat xi haga daqsxejn differenti ossija li skond il-kuntistabbli stqarret mieghu il-kwerelanta li ir-reat sehh fil-15 ta' Lulju 2021.

*'Illi nhar il-15 ta' Lulju 2021 u fix-xhur ta' qabel kif ukoll ix-xhur ta' wara, l-mutur '**vintage**' li jgib in-0numru P 7665 kien propjeta' esklussiva tas-Sur Emanuel Demicoli;*

*Illi is-sur Emanuel Demikoli eventwalment ceda l-istess mutur '**vintage**' li jgib in-numru P7665 taht certa pattijiet u kondizzjonijeit lill istess kwerelanata Ritianne Demicoli nhar 8 ta' Marzu 2022 jew fi granet ta' qabel jew fil-granet ta' wara;*

3. Logbook tal-mutur mertu ta' dawn il-proceduri fejn jidher li l-ahhar sid rikonoxxut mill-awtoritajiet huwa Emanuel Demicoli K.I. 241650M.[13]
4. Application Form To Transfer Vehicle – VEH 50 a fol 21 b' data mhux kompluta ossija, **/03/22.**
5. Application Form for the certification of a motor vehicle by the vintage vehicle classification committee as a vintage with an age of at least 30 years for private use only- VEH 15 a fol 22 b' data tal-**10/03/22**.
6. Skrittura allegatament ta' Emanuel Demicoli K.I. 241650M fejn jiddikjara li jrid jghaddi mutur, MHUX SPECIFIKAT, lill- Stephen Sammut K.I. 467781M minghajr data.[14]
7. L-ebda testament tad-defunt Carmel Demicoli ma gie ezebit biex ikun jista' forsi jiccara il-propjeta' ta' dan il-mutur u lil min effettivament hallieh;
8. Ma gie ezebit l-ebda konvenju jew att ta' bejgh tad-dar u garax fejn kien jinsab il-mutur qabel il-mewt ta' Carmel Demicoli.

[13] Fol. 20 tal-process.
[14] Fol. 25 tal-process.

Minghajr dubbju l-att ta' ragion fattasi jrid jinkwadra b' mod preciz fid-data u fil-lok indikati fic-citazzjoni ossija il-15 ta' Lulju 2021.

Il-Qorti tqis ili ghandha tqajjem l-ewwel u qabel kollox il-punt li sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuzi kif dedotti minnha. Dan ifisser li in primis il-prosekuzzjoni trid tipprova li dak li qed tallega sar fid-data, lok, hin u cirkostanzi ipprospettati minnha. Dan iffisser li f'mohh din il-Qorti li issa msejjha biex tiggudika fuq il-fatt li hemm quddiemHa irid ikollha is-serhan tal-mohh li dak allegat mill-prosekuzzjoni u l-*parte civile* sehh fil-15 ta' Lulju 2021 gewwa l-Mosta. Dwar il-lok jidher li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-mutur mertu ta' din il-vertenza kien jinzamm dejjem u ttiehed mill-Mosta, il-kwistjoni hija meta sehh il-fatt. F'dan is-sens il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni taghha fl-ismijiet **il-Pulizija vs Abdifahid Mohahdi Mohmoud** (Kump. 313/2021) deciza minn din il-Qorti kif preseduta nhar it-22 ta' Lulju 2022 u r-referenzi gurisprudenzjali li hemm fiha[15].

Mill-assjem tal-provi ma' jirrizultax li l-mutur gie b'xi mod appropprijat, jekk kien fil-fatt approprijat, fid-data indikata fic-citazzjoni. Lanqas il-kwerelanta la meta ghamlet il-kwerela kif ukoll

[15] Il-gurisprudenza fuq din il-materja hija kopjuza u din il-Qorti ser telenka numru ta' kawzi tal-Qorti tal-Appell fuq dan il-punt fost hafna ohra: **P vs Shaun Theuma** Appell. Nru. 306/2010 per S.T.O. Prim Imhallef Vincent DeGaetano. **P vs Joseph Demanuele** Appell Nru. 138/2105 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima. **P vs Shaun Maria Mifsud** Appell Nru. 273/2021 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima **P vs Harish Daswani** Appell Nru. 315/2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herera. **P vs Giuseppi Desira** Appell Nru. 41/ 2019 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera. **P vs Jesmond Seguna** Appell Nru. 59/ 2023 per Onorevoli Imhallef Consuelo Scerri Herrera, **Il-Pulizija vs Katerina D' Amato** et. (App. Nru. 123/2008) deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef David Scicluna fil-5 ta' Novembru 2008 kif ukoll **Il-Pulizija vs Luciano Mirabitur** (App. Nru. 229/2018) mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onr. Imhallef Consuelo Scerri Herrera fis-16 ta' Mejju 2019.

lanqas meta xhedet ma' qalet li l-imputat ghamel ir-rejat fid-data tal-15 ta' Lulju 2021. Fuq domanda tal-Qorti il-kwerelanta qalet hekk:

'*Meta krejna d-dar fit-2021, f'July meta kien sar il-kuntratt hu qabad, kien ix-xahar tal-kuntratt qabad u garr il-mutur'*[16]

Jidher ukoll li meta marret taghmel ir-rapport fil-parti dispositiva tieghu hija kienet vaga ukoll mal-kuntistabbli tal-pulizija ghalkemm. Infatt il-kuntistabbli a fol- 2 tal-process inizziel: **Incident date from: 15/7/2021 – Incident Date to: 10/03/2022**. Zgur li kieku ir-rapport kien aktar preciz il-kuntistabbli kien ser inizzel fedelment dak irrapurtat u jekk le, il-kwerelenata kellha kull zmien biex tirranga dak irrapurtat. Mhux hekk biss anki fix-xhieda taghha, kif ukoll fil-kwerela baqghet vaga hafna. Jigi ribadid li il-kuntratt ta' biegh li taghmel referenza ghalih hija kif ukoll xhieda ohra taz-zewg partijiet ma jaghmilx stat ta' fatt quddiem din il-Qorti ghax qatt ma gie ipprezentata, u allura dak li ma jesistix fl-atti il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tieghu.

Jigi ribadit, kemm-il daraba jkun hemm bzonn li fil-kamp kriminali kull dubbju ghandu jmur favur l-imputata. Barra minn hemm kemm l-imputat kif ukoll ix-xhieda li huwa gab kollha jghidu li l-allegat att qatt ma seta' sar fil-gurnata indikata fic-citazzjoni. Dan il-fatt ma jistax jigi injorata mill-Qorti.

[16] Fol, 11 A.

Il-Qorti thoss ukoll inverosimili li jekk vera l-imputata kien ghamel l-att allegat minnu fil-15 ta' Lulju 2021, l-allegat vittma tal-att, damet ix-xuhur biex tirraporta dan l-att meta fil-fatt hija milli jirrizulta kienet taf bih mill-ewwel gurnata!

B' hekk il-Qorti temmen li fuq bazi ta' probailita' l-imputat irnexxilu jipprova li l-att spoljattiv, kemm-il darba sar, ma sarx fil-15 ta' Lulju 2021.

**Ikkunsidrat:**

Ghas-serhan tal-mohh tal-kwerelanta il-Qorti jidhrilha li ghandha tghid is-segwenti fuq il-materja ta' *ragion fattasi* tal-ligi, ossija l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta Kodici Kriminali jghid is-segwenti:

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

**85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:**

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza il-**Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

'***L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'***

1. ***Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espresa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;***
2. ***Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt;***
3. ***Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;***
4. ***Nuqqas ta' titolu, li jirrendi il-fatt aktar gravi.***'

Ikompli jghid il-Harding fl-istess sentenza:

'***Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f' idejh, b' daqshekk ikun qieghed juzurpa f' sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja.***'[17]

**Ikkunisidrat:**

---

[17] Ara il-gurisprudenza imsemmija minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawza **Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs George Bartolo** deciza fil-25 ta' Novembru 2022.

Ma jidhirx li l-mutur ***de quo*** gie moghti lilha la minn missirerha u lanqas minn Emanuel Demicoli. Anzi jekk wiehed kellu jiehu id-dokumenti ipprezentata mill-kwerelanta stess a fol 22 sa 25 bhala tajba, u dan biss bhala argument, jidher li l-intenzjoni ta' Emanuel Demicoli kien li jdawwar il-mutur Kawasaki P 7665 fuq certu Stephen Sammut K.I. 467781M. Dawn tal-ahhar qatt ma gew jixhdu quddiem din il-Qorti, lanqas biss Stephen Sammut. Fuq dawn id-dokumenti Ritianne Demicoli K.I. 407783M tidher biss bhala xhud tal-firma[18].

Lanqas biss jidher jew jirrizulta mill-atti proceswali li qabel il-15 ta' Lulju 2021 il-kerelanata kienet tgawdi b' xi mod dan il-mutur u li huha hadu minghajr l-approvazzjoni ta' hutu l-ohra. Anzi jidher mill-atti processwali li kulhadd qabel li jiehu hu ghaliex hadd minnhom ma riedu ghax ma ghandhomx garaxx. ***Dunque hija qatt ma kienet qed tgawdi dan il-mutur qabel il-15 ta' Lulju 2021.***

Ghaldaqstant, anki mill-att tekniku-legali, il-pretensjonijiet ta' Ritianne Demicoli ifallu.

**Finalment il-Qorti thoss li ghandha twiddeb kif ukoll tati parir lill-partijiet KOLLHA biex ikunu ragonevoli f' din il-vertenza u jsibu it-triq tal-kompromess. Huwa ta' swied ta' qalb kif familja tinfired fuq xi haga daqshekk futili. Zgur li ma kienitx ix-xewqa tad-defunt missierhom li jaraw tali sitwazzjoni. Kif jghid it-Taljan. *'I panni sporchi si lavano a casa'.* Zgur li omm il-partijiet, li milli jirrizulta mill-atti ma tantx hija f' kundizzjoni ta' sahha**

[18] Dok RD 2 fol 21 tal-process.

**tajba, tixtieq li il-familja terga' tinaqad u kulhadd isib is-serhan tal-qalb.**

**Decide:**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed issib l-imputat Joseph Demicoli MHUX HATI tal- akkuz taht l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah minn kull htija u piena.

Dr Monica Vella LL.D., M.Jur

Magistrat

Iamin Guarracino

Deputat Registratur.